**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 31 ta' Ottubru , 2024**

**Kawża Numru: 16**

**Rikors Guramentat Numru:- 495/2022 JVC**

**Peter Paul Camilleri (K.I. 819339M)**

**Caroline Camilleri (K.I. 904444M)**

**Vs.**

**Wajdi Kashlut (K.I. 0143452A)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat illi permezz tieghu r-rikorrenti Peter Paul Camilleri et talbu kif isegwi:

1. 'Illi l-atturi huma proprjetarji tal-fond bin-numru 63, Zodiac Flats, Flat 6, Triq ir-Rebħa (Victoria Street), Gżira, liema fond huma wirtu mingħand Catherine Camilleri, bint l-atturi li mietet fl-erbgħa (4) ta' Mejju elfejn u sbatax (2017) u d-denunzja relattiva (annessa u mmarkata bħala **Dok. 'A'**) saret skond il-liġi b'Avviż numru ħdax -il elf, mitejn u tnejn u ħamsin tal-elfejn u dsatax (11252/2019);

2. Illi l-imsemmija Catherine Camilleri kienet akkwistat l-appartament surreferit permezz ta' kuntratt ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar Dottor Charlene Vella datat ħamsa (5) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007) hawn anness u mmarkat **Dok. 'B'**;

3. Illi l-intimat kien f'relazzjoni mal-imsemmija Catherine Camilleri u kien jgħix f'koabitazzjoni de facto fid-dar tagħha. Illi malli l-imsemmija Catherine Camilleri ġiet nieqsa, l-atturi kienu b'sens ta' mera tolleranza u bil-buona grazzja biss, ippermettew lil intimat jirrisjedi fil-fond għal xi żmien stante illi ma kellu l-ebda residenza alternattiva;

4. Illi għal ewwel ftit xhur, l-atturi kellhom aċċess għal fond in kwistjoni u meta kienu jaċċessaw tali fond, spiss kienu jindunaw illi l-intimat qiegħed iżomm il-fond fi stat dilapidat u ħażin ħafna. Illi l-atturi kienu ndunaw ukoll illi l-intimat kien għamel xi tibdiliet fil-fond kontra l-volonta espressa tagħhom u li kien hemm numru ta' oġġetti illi ġew neqsin mil-fond;

5. Illi di piu', nonostante illi l-atturi talbu lill-intimat f'diversi okkażjonijiet sabiex iħallas kwalunkwe kont pendenti li seta' kien hemm mal-Arms Limited jew inkella jinfurmaħhom fuq tali kontijiet pendenti stante illi dawn kienu jintbgħatu fil-fond li eventwalment l-atturi tilfu l-aċċess għalih, l-intimat baqa' qatt m'għamel dan, u dan sad-data ta' dawn il-proċeduri;

6. Illi in vista ta' dan, l-atturi infurmaw lil intimat illi ma kienux aktar disposti jħalluh jirrisjedi fil-fond surreferit u għaldaqstant kellu jibda jfittex residenza alternattiva;

7. Illi nonostante dan, l-intimat baqa jirrisjedi fil-fond. Illi l-atturi wkoll bagħtu ittra uffiċjali (bin-numru ta' referenza 2988/2021) fejn interpellaw lil intimat sabiex joħroġ mil-fond. L-ittra uffiċjali ġiet debitament notifikata skond il-liġi fis-sitta (6) t'Awwissu elfejn u wieħed u għoxrin (2021) iżda l-intimat Wajdi Kashlut xorta waħda baqa' inadepjenti;

8. Illi wkoll bi preġudizzju għall-atturi, l-intimat neħħa kull aċċess li l-atturi kellhom għal fond. Dawn tal-aħħar saħansitra irrikorrew għal għajnuna tal-Pulizija li iżda indikawlhom li oltre proċeduri kriminali fuq ragion fattasi, huma ma setgħux jgħinuhom jieħdu l-pussess tal-fond lura, stante li tali azzjoni hija ta' natura ċivili;

9. Illi dan kollu qiegħed joħloq anzjeta' lil atturi, illi mhux biss m'għandhomx ħjiel tas-sitwazzjoni li preżentement il-fond jinsab fih, iżda wkoll qegħdin jibżaw illi ser jiġu affaċċati b'diversi kontijiet relatati mas-servizzi relatati mal-fond in kwistjoni;

10. Illi peress li l-intimat qiegħed jirrisjedi fil-fond tal-atturi mingħajr l-ebda titolu fil-liġi u anke kontra l-volonta' tagħhom stess, fl-umli fehma tagħhom, l-intimat m'għandu l-ebda eċċezzjoni valida skond il-liġi x'jissolleva f'din il-kawża;

11. Illi għalhekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi a tenur tal-Artikolu 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex din il-kawża tinstema u tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ;

12. Illi l-atturi jafu b'dawn il-fatti personalment u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

**Għaldaqstant in vista tas-suespost, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, l-atturi jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:**

i. Tisma' din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ għal-finijiet tal-Artikolu 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

ii. Tordna lil intimat sabiex jidher quddiem din l-Onorabbli Qorti fil-jum u fil-ħin li jiġi mogħti a tenur tal-Artikolu 167(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

iii. Tiddikjara li l-intimat qiegħed jgħix fil-proprjeta' tal-atturi mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

iv. Tordna lill-intimat sabiex jiżgumbra mill-fond bin-numru 63, Zodiac Flats, Flat 6, Triq ir-Rebħa, Gżira, entro terminu qasir u perentorju li jiġi prefiss minn din l-Onorabbli Qorti u jikkonsenja ċ-ċavetta tal-istess fond lil atturi;

v. Tordna lill-intimat sabiex ukoll fl-istess żmien iħallas il-kontijiet pendenti relatati mas-servizzi tad-dawl u tal-ilma fil-propjetà mertu ta' din il-kawża;

Salv kull provvediment iehor u opportun li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt in subizzjoni.'

Rat li fis-seduta tal-4 ta' Ottubru, 2022 ghalkemm il-kawza odjerna giet intavolata permezz tal-procedura tal-giljottina, din il-Qorti wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet, awtorizzat lill-intimat jiprezenta risposta ghall-pretensjonijiet tar-rikorrent. Fl-istess verbal, stante li t-titolu pretiz mill-intimat kien dak ta' kommodat din il-Qorti ordnat l-inverzjoni tal-provi.

Rat ir-risposta tal-intimat Wajdi Kashlut li taqra kif isegwi:

1.'Illi preliminarjament, ir-rikorrenti ghandhom igibu prova li l-fond in kwistjoni kien u ghadu proprjeta' taghhom.

2. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u bhala tali ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi mhumiex minnu li l-intimat esponent qieghed jokkupa l-proprjeta' mertu ta' din il-kawza abbuzivament u illegalment, hekk kif tali okkupazzjoni da parte tal-intimat esponent ilha hemm ghal diversi snin u dana bil-kunsens tad-defunta Catherine Camilleri.

3.Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti ghandu titolu ta' kommodat, liema titolu huwa rikonoxxut u validu fil-ligi.

4. Illi wkoll strettament minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti ghamel spejjez minn butu gewwa l-fond, u dana dejjem bil-ftehim illi kien hemm bejnu u bejn Catherine Camilleri.

5. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.'

Rat l-affidavits, xhieda, kontro-ezami, dokumenti u provi kollha fl-atti.

Rat illi fil-verbal datat 12 ta' Marzu, 2024 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kawza odjerna tikkonsisti f'talba ghall-izgumrament tal-intimat mill-appartament indikat gewwa l-Gzira ghar-raguni li r-rikorrenti huma s-sidien tal-istess wara li wirtuh minghand binthom u jsostnu li l-intimat qed jirrisjedi fl-istess proprjeta' minghajr titolu validu fil-ligi. In oltre, r-rikorrenti jsostnu li l-intimat ghandu jigi wkoll ikkundannat ihallas il-kontijiet tas-servizz tad-dawl u ilma pendenti fuq l-istess proprjeta.

L-intimat da parti tieghu jeccepixxi li r-rikorrenti fl-ewwel lok iridu jippruvaw it-titolu taghhom. Fit-tieni lok li huwa ma kienx qed jokkupa l-proprjeta' b'mod abbusiv stante li kien jirrisjedi fih bil-kunsens ta' bint ir-rikorrenti gharusa tieghu u li kienet il-proprjetarja tal-istess appartament qabel ma giet nieqsa. Jeccepixxi wkoll titolu ta' kommodat fuq l-istess appartament allegatament moghti lilu minn bint ir-rikorrenti fiz-zmien li kienu gharajjes u jghixu flimkien fl-istess proprjeta, liema bint sfortunatament giet nieqsa fis-sena 2017. Finalment jeccepixxi li huwa ghamel spejjez fil-fond in kwistjoni dejjem bi ftehim mal-gharusa sid Kathleen.

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dikjarazzjoni Causa Mortis fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar datata 25 ta' April, 2019 li tevidenzja li effettivament il-proprjeta' in kwistjoni hija llum proprjeta tar-rikorrenti. Rat ukoll a fol. 11 et seq tal-process il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Charlene Vella datata 5 ta' Dicembru, 2007 li permezz tieghu, bint ir-rikorrenti Catherine sive Kathleen Camilleri (llum mejta) kienet akkwistat waheda l-proprjeta' in kwistjoni.

Rat **l-affidavit tal-intimat Wajdi Kashlut a fol. 66 et seq tal-process**. Dwar it-titolu ta' kommodata vantat huwa jixhed kif isegwi:

'Nghid illi kelli relazzjoni ma' Cathleen Camilleri, bint Peter u Carmen Camilleri, mis-sena elfejn u erbgha (2004) u cioe' ghal il fuq minn tmintax-il sena qabel mewtha. Fil-bidu tar-relazzjoni taghna konna nikkoabitaw flimkien gewwa l-fond bl-indirizz 276, appartament numru 2, Rue D'Argens, Gzira - skrittura ta' kera li turi isem l-esponenti hawn taht annessa u markata bhala dokument 'WKA 1'.

Billi jien u Cathleen konna ilna f' relazzjoni ghal daqstant snin flimkien, konna hassejna illi kien wasal iz-zmien biex nizzewgu, u b'dan il-hsieb f'mohhna Cathleen kienet sa anki irrangatli ghal Visa sabiex bhala nazzjonal ta' pajjiz terz inkun nista nahdem u nghix hawn Malta ghal ftit snin ohra qabel ma naslu

ghaz-zwieg - vide kopji tal-Visa u tal-permessi ghar-residenza hawn taht annessi u mmarkati bhala dokument 'WKA 2'.

Nghid illi b'dan il-hsieb f'mohhna, u billi konna faddalna bizzejjed flus flimkien, iddecidejna illi nsibu fond iehor minghajr kera u nixtruh bhala fond taghna. Ghal dak il-ghan, fis-sena 2007 bdejna nfittxu l-postijiet flimkien. Permezz ta' agent illi konna inkarigajna fl-istess sena, sibna appartament gewwa l-Gzira, illi jigi l-appartament mertu ta' din il-kawza u cioe' l-appartament numru sitta (6) bl-isem ta' Zodiac, fi Triq ir-Rebha. Ghalkemm kien ghal qalbna, kien hemm hafna xogholijiet illi kellhom bzonn isiru fih u allura l-prezz tal-appartament kien oghla milli stajna nhallsu. Ghal dik ir-raguni, xtrajnih permezz ta' self mill-Bank, liema self ittiehed f'isem Cathleen Camilleri peress li dan ma' kienx possibbli ghalija minhabba l-istatus tieghi f'Malta.

Nghid illi fost id-diversi xogholijiet illi kien hemm bzonn li jsiru gewwa dan l-appartament, il-kisi tal-hitan, it-tibjid, it-tqeghid tal-madum, l-installar tad-dawl u t-twahhil tal-ghamara kienu fost il-hafna affarijiet illi hadt hsieb u ghamilt jien. Jien u Cathleen konna nhallsu kollox nofs bin-nofs ghal dawn ix-xogholijiet, izda x-xoghol tal-idejn illi kellu jsir fl-appartament kont naghmlu jien minn jeddi, mod specjali billi dan kien ser ikun id-dar residenzjali taghna. L-istess dwar il-loan, dan kien jithallas f'sehem ugwali bejnietna - vide kopja ta' ittri mighuta minn Cathleen Camilleri u l-avukat Leslie Cuschieri lejn id-Dipartiment tac-Cittadinanza u Affarijiet Espatrijati illi jivverifikaw sehem l-esponenti fil-hlasijiet tal-appartament hawn taht annessi u mmarkati bhala dokument 'WKA 3'.

Nghid illi wara li tlestew ix-xogholijiet, jien u Cathleen dhalna fil-post b'mod ufficjali u dan kien cirka s-sena 2008 - bdejna nghixu hemmhekk bhala koppja, nixtru affarijiet ghad-dar u sa anki xtrajna l-ghamara ghat-tfal li konna qeghdin nippjanaw ghalihom fil-futur. Shabna wkoll konna nistednuhom fil-post, u infatti kienu prezenti biex jaraw il-post fl-istadji kollha tieghu - kemm waqt illi kont qed naghmel ix-xogholijiet fih kif ukoll wara illi kien lest.

Nghid illi jien u Cathleen bqajna nghixu fil-post il-gdid flimkien sa mewtha – ahna kellna relazzioni tajba hafna ma xulxin, konna nhobbu lil xulxin hafna, u tant hu hekk illi kien dejjem il-pjan taghna li nizzewgu (vide kopja ta' ritratti

ta' Wajdi Kashlut u Cathleen Camilleri flimkien hawn taht annessi u mmarkati bhala dokument WKA 4).Cathleen kienet parti kbira minn hajti - kienet anki siefret mieghi darbtejn il-Libya, post twelidi, u sifirna hafna postijiet ohrajn ukoll flimkien - l-imhabba taghna ma kellha l-ebda fruntieri. Ukoll, ma' omm u missier Cathleen, cioe' Carmen u Peter, kelli relazzjoni tajba hafna. Tul ir-relazzjoni taghna ma kelli xejn dizgwit maghhom - konna anki nohorgu u nieklu flimkien - verament konna qisna familja u huma kienu jirrikonoxxu u jaccettaw illi l-appartament minkejja li kien f'isem Cathleen, dan kien tieghi wkoll.

Madanakollu, gara illi darba minnhom, waqt illi konna qeghdin gol-appartament, Cathleen spjegatli li bdiet thoss bocca f'ilsiennha. Wara xahar thoss l-ugugh, maz-zmien hi bdiet taggrava u thoss aktar ugigh izda l-Isptar ukoll qalulha illi ma kellha xejn, allura morna ghand professjonist iehor fl-Isptar, illi wara bijopsija, qalilna illi kellha l-kankru f'ilsiennha. Cathleen kellha taghmel operazzjoni sabiex tikkura ruhha izda gara illi ma kienx bizzejjed - kellha bzonn il-kimoterapija izda ma kinitx ricettiva ghalih ukoll. Minn hemm il-kankru infirex - damet sena l-isptar. F'dan iz-zmien, kont anki nqatta granet norqod minn filghaxija sa filghodu maghha. Kont jien li nahsilha, nitmaghha u norqod maghha – dan kien dmiri lejha bhala l-mahbuba ta' hajti. F'daqqa wahda imbaghad il-marda taghha hakmitha sakemm mieteet nahr il-3 ta' Mejju ta-sena 2017.'

Wara l-mewt taghha jghid li r-relazzjoni mal-genituri baqghet tajba hafna tant li baqa' jzurhom u dak li kienu jitolbuh minn gewwa l-appartament kien itihulhom. Jghid li ghal sentejn shah qatt ma talbuh biex jitlaq u kienu jirrikonoxxu li kellu dritt jghix fih allavolja huma kienu l-werrieta ta' Kathleen. Kien wara sentejn li Caroline Camilleri qaltlu sabiex jibda jhallashom. Hu ma jafx ghalfejn kellu jhallas izda biex ma jaqlax inkwiet beda jhallas mitt (100) Euro fix-xahar ghaliex haseb li kellhom bzonn il-flus. Jghid li ghamel sentejn u nofs ihallas u ma jtuhx ircevuti mbghad stante li nsista ghall-ircevuti u ma bdewx ituh iddecieda li jieqaf ihallas. Kien fis-sena 2020 li r-rikorrent wissieh sabiex johrog mill-fond u r-rikorrenti bdew imorru fl-appartament u jiehdu l-affarijiet fosthom ghamara,

l-affarijiet tal-kcina, fannijiet, lozor, pitturi ecc u dwar dan kien anki ghamel rapport mal-pulizija esebit mal-istess affidavit. Jghid li hu ma jafx jaqra u jikteb u li dak iz-zmien kienu anki hadulu karti li kienet tiehu hsieb Kathleen dwar l-affarijiet li kienu ghamlu bejniethom. Jghid li fis-sena 2021 r-rikorrenti kienu hadu l-klieb li kienu ta' Kathleen u biddlu s-serratura tal-appartament. Izid li l-pulizija kien qallu li seta' jerga' jisgassa l-bieb, hekk ghamel u dahal. Dwar il-kontijiet tal-komun, tad-dawl u tal-ilma jghid li kien u baqa' dejjem ihallashom hu. Jixhed li:

'Cathleen minn dejjem qaltli li jiena u hi ghanda nibqghu nghixu f'dan l-appartament ghal hajjietna jkunu x'ikunu c-cirkostanzi. Din kienet ix-xewqa taghha. . . . Jiena mhux biss kelli ftehim li nibqa' fil-post b'mod tul hajti kollha, izda li nibqa' hemm minghajr rikonoxximent ta' hlas.'

Jghid li r-rikorrenti kienu biss interessati fil-wirt ta' binthom tant li jiftakar li darba kienu marru l-isptar u lil binthom qalulha biex thallilhom xi haga mill-wirt u li Kathleen kienet irrabjat hafna u kecciethom. Izid li l-karta tal-identita' tieghu ilha ssejjah dak l-indirizz mis-sena 2008 stante li l-appartament xtrawh f'Dicembru tas-sena 2007.

Rat li l-intimat xehed in kontro-ezami nhar is-16 ta' Jannar, 2024 a fol. 303 et. seq tal-process. Mistoqsi ghalfejn sa ghaxar snin wara li nkitbet l-ittra li ser jizzewgu, ghalfejn kien ghadhom ma zzewgux, jghid ghaliex nefqu l-flus fl-appartament u kienu qed ifaddlu l-flus ghat-tieg. Fil-frattemp mietu wkoll ommu u missieru u faqqghet il-gwerra fil-Libja. Habba ommu ghamel sitt xhur barra u habba l-gwerra ghamel tlett snin. Kathleen kienet taghmel minn kollox biex tghinu biex isib xoghol. Jghid li huwa kien ihallas parti mil-*loan* billi jitfa' l-flus fil-kont ta' Kathleen. Izid izda li r-rikorrenti kienu hadulu l-karti kollha mill-appartament. Il-*loan* li ttiehed sabiex titlesta d-dar intuzat sabiex jithallas il-materjal u l-ghamara filwaqt

li hu ghamel ix-xoghol manwali bhal kisi, zebgha u torba. Dwar il-genituri taghha Kathleen kienet tgerger u lilu sa mill-bidu ma accettawhx. Imbaghad izda kellu relazzjoni tajba maghhom anki wara l-mewt ta' Kathleen izda sentejn wara nqeleb kollox. Jaf li l-*loan* thallset mill-*insurance* mal-mewt. Ir-rikorrenti ma kellmuhx fuq x'ghamlu wara l-mewt. Illum il-gurnata m'ghandhomx cavetta tal-appartament, qabel kellhom u kienu jidhlu. Meta beda jhallas mitt euro (€ 100) fix-xahar dawk kienu kera jew xi haga imma ma kienux ituh ircevuta. Kien bidel is-serratura wara li dahlulu, hadu l-klieb u biddlu s-serratura huma. Meta kellem lir-rikorrenti fuq ix-xewqa ta' Kathleen li hu jibqa jghix fl-appartament qalulu li fuq it-testment ma sabu xejn. Dwar il-kontijiet tad-dawl u ilma jghid li ghamel zmien ma kienx jahdem imma qed ihallashom ftit ftit. Dwar il-mitt Euro (€ 100) jghid li r-rikorrenti qalulu trid tibda thallashom fuq l-idejn inkella jitlaq mill-appartament. Meta dahlu fl-appartament ir-rikorrenti hadulu hafna affarijiet anki lozor, ritratti, air condition ecc.

.

Rat id-dokumentazzjoni annessa mal-affidavit fosthom il-ftehim ta' kera datata 31 ta' Lulju, 2006 li sar mill-intimat u Kathleen Camilleri flimkien sabiex jikru appartament gewwa l-Gzira fil-31 ta' Lulju, 2006 u l-ittra datata 13 ta' Settembru, 2007 indirizzata lid-Dipartiment tac-Cittadinanza miktuba minn Kathleen Camilleri fejn tindika li l-intimat huwa l-gharus taghha, li huwa hareg is-somma ta' tlett elef euro (€3,000) maghha sabiex jithallas id-depozitu fuq l-appartament koncernat f'din il-kawza u wkoll:

'Furthermore, I would like to inform you that the flat at the above mentioned address, has been rented in both our names for the past year (July 2006-2007) and we have renewed the contract again for the coming year. Moreover, as I have pointed out earlier in my letter, this evening we will be signing a Promise of Sale on a flat in Gzira (I can forward you a copy of it, if you wish to see it ), as we intend to buy it in two months time. Mainly this is the reason for which

I would like you to consider giving Wajdi a Residence Permit for the maximum length of time possible. As I have already stated above, his presence is needed more than the usual one month he is given from the Maltese Consulate in Libya since we need to take certain decisions regarding the flat we are buying, mainly in choosing finishings/furniture etc. together, because as soon as we buy it we have to have everything prepared and ready so we start the works immediately so that we can move in it the earliest possible and thus stop paying the rent for our present flat. Moreover, I will soon be going back to work since school starts again next week, and therefore, I won't be able to go and open the flat for the workers, or be present to supervise the work being done and thus Wajdi, could do such things himself if he were to be given this Residence Permit.'

Rat ukoll ir-ritratti tal-intimat u Kathleen flimkien, is-santa tal-mewt tal-istess Kathleen Camilleri li turi lill-intimat bhala l-gharus taghha, rcevuti tal-pagamenti dovuti fuq il-condominius ghas-snin 2020, 2021 u 2022, kontijiet u rcevuti ta' hlas tas-servizzi tad-dawl u ilma. Rat l-ittra mibghuta mir-rikorrent lill-intimat a fol. 98 u l-kopji tal-karta tal-identita'.

Rat ix-**xhieda ta' Alexandra Zerafa a fol. 106 et seq tal-process.** Tghid li kienet habiba kbira ta' Kathleen sa mis-sena 2008. Kienet diga' f'relazzjoni mal-intimat u kienu xtraw il-post ghaliex fil-fatt l-aktar li xtratu kien biex ikunu flimkien. Iddecidew li jizzewgu w'ghalhekk xtraw il-post, il-boghod mill-genituri taghha. Hi xtrat il-post il-Gzira biex titlaq minn Rahal Gdid ghaliex il-genituri taghha ma rieduhx lill-intimat ghaliex kien Gharbi. Dwar l-appartament tghid:

'huma t-tnejn kienu xtrawh, hi xtratu f'isimha ghax hu ma kellux ID card u l-bank mhux ha jtih u dawn l-affarijiet allura hi kellha taghmel kollox f'isimha.'

Izzid li l-intimat kien itiha flus ghall-appartament u li x-xoghol li sar fih ghamlu l-intimat u kienet tghidilha li mn'alla kien hu ghax

frankaw hafna flus. Flus kien itiha kollox nkluz xirja, *loan*, dawl, ilma, spejjez u klieb u anki mill-Libja kien jibghatilha l-flus lil Kathleen. Kien itiha l-paga u jzomm xi haga ghalih. Tghid li meta mardet bil-kancer kien ikun hafna maghha jghinha u jahsilha. Kienu jitilqu l-genituri u tmur hi mbaghad jigi hu u hi titlaq. Tghid li kienet cemplitilha sabiex issibilha nutar ghaliex il-post ta' Rahal Gdid riedet thallih lill-ommha izda l-appartament riedet thallih lil Wajdi ghax dak kien bejniethom, kollox qasmu bejniethom. Izzid izda li lahqet mietet. Tghid li l-genituri ta' Kathleen kienu jiggieldu hafna maghha, anki meta kienet marida u dejjem jghidu kontra taghha ghalhekk kienet qaltilha biex tiktbu fuq Wajid la darba kienet taf x'kienu l-genituri taghha.

Din ix-xhud xehdet in kontro-ezami a fol. 122 et seq tal-process. Tikkonferma li Wajdi kien jaghmel zmien mhux Malta specjalment fil-Gwerra. Tghid li fil-Gwerra kienet telghet Kathleen ghalih u hi kienet iffirmat biex tghamillu tajjeb flimkien ukoll mal-genituri ta' Kathleen. Ma tafx kemm dam barra meta kellu l-genituri tieghu morda. Kathleen qatt ma semmiet diffikultajiet finanzjarji anki ghaliex Wajdi kien jghinha hafna. Wajdi kien jahdem u jtiha l-flus kollha ghax hi kienet tiehu hsiebhom. Wajdi kien jahdem ta' *plasterer*. Il-genituri taghha kienu jghinuha izda mhux fil-post tal-Gzira:

'Il-post tal-Gzira huma t-tnejn. In fatti qas kienu jafu li xtrawh. Ma qaltilhomx illi xtrawh. Ghax ma kienux ser jaccettawh kif ghedt dak inhar.'

Wara qaltilhom li kienet xtrat il-Gzira. Mistoqsija minn fejn gabet ic-certezza li Kathleen riedet thalli l-appartament lil Wajdi twiegeb :

'Ghax kienet qaltli hi. Kienet qaltli tghid niktibulu il-flat? Ghax jiena Wajdi ghamel hafna mieghi, dak kien id-diskors taghha. Wajdi ghamel hafna mieghi, u ghamel hafina xoghol fil-post, u hallas il-flus hu ukoll, itini kollox, u nixtieq

inhallihulu. Il-mummy tieghi ghandha l-gnien ta' Rahal Gdid inhallih lil mummy u l-papa ..'

Izzid li Kathleen ma kinitx temmen li ommha u missierha jaslu jkeccu li Wajdi minn gewwa l-appartament. Dan il-kliem sar ftit qabel ma mietet u ma lahqitx ghamlet il-procedura. Tghid li hi ghadha habiba ma' Wajdi.

Rat ix-**xhieda ta' Marisa Debattisata a fol. 113 et seq tal-process** kif ukoll traskrizzjoni ta' konversazzjoni permezz ta' messaggi li saret bejnha u bejn Kathleen Camilleri esebita a fol. 103 et seq tal-process. Tixhed li kienet ilha taf lil Kathleen sa mis-sena 2002 u baqghu hbieb sakemm mietet fis-sena 2017. Taf li hija bdiet tohrog ma' Wajdi fis-sena 2004. Fis-sena 2015 hargilha l-kancer u hemmhekk bdiet battalja. Kulhadd kien jghinha hi, l-genituri taghha u Wajdi li gie wkoll lura mil-Libja biex jghinha. Dwar l-appartament in kwistjoni tghid li Kathleen gia' kellha proprjeta' Rahal Gdid izda ma xtaqitx tibqa' hemm ghaliex il-genituri taghha kienu vicin u ma kienux hadu pjacir b'Wajdi stante li kien barrani. Ghalhekk Kathleen xtrat il-post habba Wajdi biex jghixu flimkien u xi darba jizzewgu ghaliex dik kienet ix-xewqa taghha. Ma tafx ghaliex il-post ma nxtarax f'isem it-tnejn izda kienet issejjah l-appartament bhala 'taghna'. Wajdi meta kien jahdem kien jaghmel xi xirjiet u jghaddilha l-flus ukoll. Ghalkemm il-hsieb kien li tizzewweg lil Wajdi xi erba' snin mill-bidu tar-relazzjoni nqalghu diversi affarijiet li waqqfu dan fosthom li mardu l-genituri. Hi kienet tghinha l-isptar ghaliex tahdem hemm u anki Wajdi kien ikun jghin u l-genituri ta' Kathleen. Meta harget hmistax sabiex tgawdi ftit il-hajja ta' barra kien jiehu hsiebha Wajdi, fl-istess zmien li sar il-festin tal-hamsin sena mizzewgin tal-genituri taghha. Kienet tghidilha li Wajdi jghinha finanzjarjament fl-affarijiet ta' kuljum. Kontijiet tad-dawl u ilma kollox flimkien.

Rat il-messaggi a fol. 103 et seq u rat li minn dawn il-messaggi johrog li Kathleen kienet tiddeskrivi lil Wajdi bhal r-ragel taghha u li verament ir-relazzjoni ta' bejnha u l-genituri ma kinitx wahda tajba u li dejjem kienu jqisuha li ma ghamlet xejn tajjeb. Issemmi wkoll li Wajdi kien jahsilha.

Rat il din ix-xhud xehdet in kontro-ezami a fol. 130 et seq tal-process. Kathleen kienet ghalliema u kienet ukoll ghalliema gewwa l-Eden Foundation fejn kienet tahdem ix-xhud ukoll bhala fisjoterapista. Wajdi ghamel snin barra meta ma setax jidhol lura Malta minhabba l-affarijiet li nqalghu. Hi u Kathleen kienu jitkellmu fuq kollox. Kienet tghidilha li l-genituri taghha ma kinux accettaw lil Wajdi ghaliex kien barrani. Tant hu hekk li meta mietet Wajdi ghamel il-lapida u l-genituri taghha biddluha. Dwar Wajdi tghid li gieli kellu xoghol fiss u gieli le ghaliex gieli kellu problemi jsib xoghol minhabba li barrani. Izzid li sal-ahhar Kathleen baqghet tipprova ssib xoghol ghal Wajdi u anki beda jitghallem il-Malti u l-Ingliz. Qatt ma qaltilha ghalfejn ma zzewgux. Kathleen qatt ma semmitilha li kellha xi problemi finanzjarji.

Rat li a fol 137 et seq giet esebita l-konvesazzjoni tul is-snin permezz ta' messaggi bejn din ix-xhud u Kathleen kif gie mitlub mill-kontro-parti u l-Qorti hadet konjizzjoni tal-istess.

Rat **l-affidavit ta' Peter Paul Camilleri a fol. 286 et seq tal-process**. Jghid li Kathleen kienet l-uniku wild tieghu. Kienu jghaddulha hafna flus u hi kienet tahdem hafna. Skont hu Wajdi ma kienx jahdem allura kienu jippruvaw jghinuha billi jtuha l-flus u tonfoqhom kif trid. Tul l-gherusija taghha ma' Wajdi, Wajdi ghamel zmien twil mhux Malta ghalhekk huma zammew relazzjoni tajba ma' binthom. Wajdi ma kienx izomm xoghol. Binthom kienet

tinkwieta fuq l-ispejjez li kien ikollha u kienu jghinuha. Dwar l-appartament in kwistjoni jixhed kif isegwi:

'8. Nghid li b'referenza ghall-propjeta tal-Gzira, din xtrata t-tifla tieghi waheda, minkejja li kienet diga gharusa ma' Wajdi. Kien ghalhekk li meta giet nieqsa, n-nutar qalilna li l-propjeta' kienet taghna bhala l-genituri taghna;

9. Nghid li meta giet nieqsa t-tifla, I-ewwel mistoqsija li kien ghamel Wajdi kienet 'issa x'se naghmel?'. Dak iz-zmien, u anke fis-snin li segwew, jien u l-mara kellna dulur kbir. Lil Wajdi ma kellniex relazzjoni hazina mieghu, bhall ma kiteb hu stess, u ghallura konna ednilhu biex ghal dak iz-zmien jibqa' jghix fil-propjeta tal-Gzira, u dan sakemm isib xoghol u jigi ftit fuq saqajh. Dan dejjem hekk kif tul dawn is-snin kolla li kienu damu gharajjes, huwa qatt ma kellu xoghol fiss. Fl-ebda mument f'dawk is-snin kolla li dam jghix fil-post tal-Gzira bil-kunsens taghna ma semmielna li t-tifla kienet qaltlu biex jibga' jghix hu fil-post.

10. Nghid illi jien u l-mara ghamilna sentejn wara l-mewt tat-tifla ma nersqux lejn il-post. Dan kien iffakkarna fiha, u kien jaqbadna hafna dwejjaq. Wara dawk is-sentejn umbghad konna nitilaw il-Gzira qisu darba fix-xhar. L-iktar raguni ghal dan kien minhabba li Wajdi kien qieghed jiehu hsieb il-klieb li kellhom. Kellhom tnejn. Kull meta konna mmorru, konna nsibu kullimkien dizastru u maqlub. Hmieg u affarijiet jigru, u l-hmieg tal-klieb kullimkien. Id-dustbins, l-art u l-gallarija mimlijin bis-sigaretti. Kont anke inhallilu ashtray biex nurih li qieghed jaghmel hazin, u x-xhar ta' wara kont insiba mormija mal-art. Kull meta konna mmorru, rari ma konna ninzertawh, fil-fatt minn dawk id-drabi kollha, darba biss konna rajnieh, minkejja li konna anke ndumu nistennew sa filaxija biex ninzertawh;

11. Wara li kienu ghaddew isu sentejn u nofs minn wara li giet nieqsa t-tifla, konna tkellimna ma' Wajdi u ednilu biex jekk se jiba' jghix fil-post tal-Gzira, ghal tal-inqas jibda jghaddilna xi haga. Huwa kien qabel u fil-fatt ghamel hames xhur jghaddilna mitt Ewro fix-xhar. Pero' mal-hames xhar, huwa ghaddilna hamsin Ewro, u minn dakinhar qatt ma rcivejna xejn iktar minghandu. Fil-fatt, wara numru ta' snin, konna saqsejnieh biex johrog mill-post, hekk kif kien ghadda z-zmien, u zgur li kellu bizzejjed biex jerga jigi fuq saqajh. Pero' huwa minn dak iz-zmien ma baqghax ikellimna, u ma baqghax

jaqbad telefonati. Kien anke biddel is-sallatura, u fil-fatt konna ghamilnielu rapport, u kellna anke l-Qorti. Huwa ma kienx tela', pero konna hfirnielu u l-Qorti kienet illiberatu;'

Ikompli jinsisti li Wajdi kellu problemi ta' flus anki wara l-mewt ta' binthom u anki sellfuh xi flus kien ihallashom lura ftit ftit. Il-versjoni li binthom riedet li hu jibqa' jghix fl-appartament qatt ma semawha qabel ma ntavolaw il-kawza. Nqalghu il-problemi anki ghaliex martu marret sabiex teqleb is-servizzi tad-dawl u l-ilma izda sabet li kien hemm kont ta' madwar elf Euro ( pendenti u b'hekk dan ma setax isir. Skont hu bintu kienet dejjem tghid li Wajdi ma kellux flus lanqas biex jixtri s-sigaretti w'ghalhekk kienu jghinuha. Izid li huma damu gharajjet u ma zzewgux ghaliex hi ma riditx tizzewweg bir-religjon tieghu u kienet tghidilhom li biex tizzewweg bic-civili tibqa' kif inhi. Jikkonferma li bintu kienet mietet habta u sabta filli b'sahhitha u filli mietet. Jaghlaq kif isegwi:

'20. U issa ma nistawx nifhmu kif Wajdi qieghed jghid li ghandu dritt jibqa' jghix fil-propjeta tal-Gzira. Propjeta' li jien u l-mara hallasna d-djun kbar fuqa, li jien u l-mara ahna l-unici sidien taghha. U dan abbazi ta' dak li qed jghid li t-tifla xtaqet, l-istess tifla li llum, b'dulur kbir m'ghadiex maghna, u hadd ma jista' jikkonfermah. Dan wara li minn qalbna pruvajna nghinuh billi jibqa jghix fil-propjeta' sakemm isib il-flus biex johrog, u issa minn fuq, wara iktar minn sitt snin jghix fiha, irid jibqa' jghix hemm ghal-ghomru.'

Rat li r-rikorrenti Peter Paul Camilleri xehed in kontro-ezami a fol. 323 tal-process. Jghid li l-ahhar li dahlet it-tifla l-isptar kienet damet madwar tlett gimghat u jichad li l-intimat kien ikun hemm. Aktar ma kienx ikun hemm milli jkun hemm. Ma jaqbilx li l-intimat u bintu kellhom relazzjoni tajba hafna ghaliex jghid li kien ikun hafna imsiefer. Skont hu x-xewqa tat-tifla kienet li l-appartament jibqa' ghandhom ghaliex huma ghenuha. Mistoqsi jekk jiftakarx li t-tifla qaltlu li tixtieq li l-post jehduh huma jirrispondi 'u mela' (fol. 325 ergo. Dwar il-pagament tal-*loans* kien ihalli f'idejn il-mara u kienu jmorru l-mara u t-tifla flimkien. Jghid li t-tifla qatt ma semmiet li Wajdi kien jghinha fil-pagamenti. Jghid li dwar il-mitt Euro (€ 100)

kienu ghaddew sentejn u staqsihom hu x'ser jaghmel u ftehemu li jhallas mitt Euro (€ 100) fix-xahar. Huma kienu jmorru fl-appartament darba fix-xahar u jidhlu bic-cavetta. Meta kienu jmorru ma kienux jghidu lil Wajdi imma hu gieli rahom hemm. Kien ikun hemm hafna hmieg u kien hemm il-klieb bil-guh. Elettriku kien ihalli kollox mixghul. Hu kien joqghod bilqieghda u l-mara tiehu dak li kienet tixtri mat-tifla u hu jgorr. Jinsisti li dejjem l-affarijiet taghhom hadu. Jinsisti wkoll li ma kienx hemm akkuzi kontra taghhom, kien hemm kontra l-intimat. Huma bdew jidhlu fil-post wara sentejn. Jghid li l-intimat l-ewwel ried Elf Euro (€1000) biex jitlaq u hu nsista li la l-post tar-rikorrenti ma jtih xejn. Ma jaqbilx li l-hlas tal-mitt Euro (€ 100) bdiet minn dan id-disgwit. Jghid li kien l-intimat li qallu biex jibda jhallas xi haga u r-rikorrent qallu mhux kera, tini mitt ewro (€100) mbaghad naraw. L-intimat dam hames xhur ihallashom u l-ahhar xahar hallas nofshom.

Rat **l-affidavit tar-rikorrenti Caroline Camilleri a fol. 290 et seq** tal-process. Filwaqt li tikkonferma l-affidavit tar-ragel taghha hija tixhed ukoll dwar allegati djun relatati mal-appartamenti in kwistjoni:

'5. Nghid illi meta umbghad morna ghand in-Nutar, dan qalilna li t-tifla ma kelliex testment, u li ghallura jien u r-ragel konna l-werrieta taghha. Fuq it-taxa tal-mewt konna hallasna hdax-il elf, mija u erbgha u ghorin Ewro (€11,124.00);

6. Apparti t-taxxa fuq il-mewt, dejjem b'referenza ghall-propjeta' tal-Gzira, jien u r-ragel spiccajna hallasna eluf ta' Ewro fuq loans li kien hemm fuq il-propjeta. Fil-fatt, fuq il-loans hallasna qrib is-sbatax-il elf Ewro (€17,000.00). Dan kif jirrizulta mid-dokumenti tal-bank annessi, li fihom hemm il-kontijiet kolla li kien hemm f'isem it-tifla. Apparti l-home loan bin-numru 40016705362 fl-ammont ta' €51,490.90 li thallas mill-Insurance, il-kumplament hallasnihom jien u r-ragel (kontijiet 40016705401, 40016705414 u 40016705508) - Annessi Dok. CC1;

7. Fuq dawn il-pagament, Wajdi qatt ma kien involut;

8. Nghid ukoll illi t-tifla kemm il-darba kienet tkellimni u tghidli kemm kienet tkun inkwetata hekk kif Wajdi ma kienx igib flus id-dar. Dan hekk kif kellu problema jzomm impjieg fiss. Fil-fatt it-tifla kienet ghamlet sal-ahhar ta' hajjitha tghinu biex isib impjieg fiss. Hafna drabi kien jahdem minghajr ktieb, u jithallas fuq l-idejn.'

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mal-affidavit taghha a fol. 292 et seq tal-process rapprezentanti xi flejjes kellha fil-bank Kathleen u wkoll il-'house loans' u kif dawn gew mhallsa.

Rat li r-rikorrenti xehdet in kontro-ezami a fol. 316 et seq tal-process. Tghid li meta kienet hajja t-tifla kellhom relazzjoni tajba ma' Wajdi. Kienu jiltaqghu kull nhar ta' Hadd u kienu jmorru ghand it-tifla. Taqbel li kien hemm il-hsieb li jizzewgu. Taqbel li l-iskop li nxtara l-appartament kien sabiex jizzewgu u jghixu fih, jghixu fih bhala familja. Kienet staqsiet lit-tifla u qaltilha li l-post kienet xtratu wahedha. Kienet qaltilha meta kienet ser tixtrih li ser tixtrih wahedha biex jekk ma jibqghux flimkien ma jkunx hemm inkwiet. Dwar il-hlas tal-mitt Euro (€ 100) tghid li mhux huma talbuhom lil Wajdi izda hu ried jibqa jghatihomlhom meta ra li kien qed idum fl-appartament. L-intimat kien jiltaqa' maghhom u jghidilhom li jrid jibda jhallas xi haga. Kienu jghidulu ghalissa hallih mbaghad naraw wara. Imbaghad tawh xahar meta kellu jibda jhallas. Ma kinitx kera kienet somma qisu biex ma jkunx obbligat li qed ihalluh hemm. Taqbel li hadu diversi oggetti mill-appartament li ma kienux tieghu izda kienu tat-tifla. Tghid li hadu xi frames tat-tifla u xi ghamara zghira, hadu l-klieb ghaliex kienu mejtin bil-guh u kellhom hafna hmieg. Tghid li lil Wajdi qalulu li ser jiehdu l-affarijiet u hu qalilhom jiehdu li jridu. Meta mistoqsija jekk hux veru li Wajdi kien qalilhom li setghu johduhom tghid:

'Kien jarana nohduhom.' (fol. 320)

Tinsisti li dak li hadu kien taghhom. Ma hadux affarijiet minn tieghu ghax il-kamra tieghu kienet imsakkra. Dwar meta Kathleen kienet marida tghid li l-intimat hu giddieb u li mhux vera kien ikun l-isptar. Ma kienux jafu li ser tmut kellekhom fidi li ser jghix u qatt ma tkellmu dwar xi hsieb kellha ghal Wajdi. Dwar iz-zwieg kienet tghidilha li hu ma riedx jizzewweg bir-religjon taghhom u hi ma riditx tizzewweg bir-religjon tieghu. Tghid li qaltilha mizzewgin jew le xorta jistghu jiggieldu. Tghid li l-aktar li xtaqet tnehhi lill-intimat minn hemm ghaliex kien hemm hafna hmieg.

Rat ix-**xhieda ta' Christine Galea Curmi a fol. 299 et seq tal-process senior social worker fic-centru tal-Onkologija.** Tixhed li segwiet il-kaz ta' Kathleen mill-bidu sal-ahhar, sitt xhur minn Novembru 2016 sa Mejju 2017. Kellha trattament intensiv hafna. Tikkonferma li lil Kathleen u Wajdi kienet tafhom bhala koppja. Kathleen kienet tiddependi hafna fuq Wajdi u kienet tafda hafna fih. Dwar l-intenzjonijiet taghha fir-rigward tal-appartament tixhed kif isegwi:

'Eeeme, bdiet taghraf illi ghandha bzonn kuntatt ma' nutar biex eem, il, il, il-post li kienu hadmu hafna flimkien ghalih emme ikun hemm rikonoxximent b' mod legali ta' Wajdi u 1, u, u r- relazzioni taghhom. Emme dik iddiskutejniha diversi drabi on a b' mod kunfidenzjali jiena m, maghha emm fejn xtaqet li tasal, semmiet anka identifikat xi, xi nutara, xtaqet li tasal illi taghmel emm testment jew affarijiet legali. Sfortunatament emme sahhitha hi kienet qed tistudja wkoll dak iz-zmien. Sahhitha ma, iddeterjorat malajr hafna u x xewqa taghha ma wasslitx li tattwaha b'mod legali. Imma bil-kliem qalitha diversi drabi. U quddiemi u quddiem anka kollegi ohra li parti mit-tim em, semmiet dal-concern u ahna konna tkellimna fuq il-pratticita ta' att, attwalment nutara li fors tista' anka ggib l-isptar biex tasal li taghmel dan it-testment li sfortunatament imbghad b'xokk kbir ghat-tim kollu mietet emm malajr hafna mbghad. . . . . .

. . . . :

Hi kienet issemmieh mieghi bhala l-post li hadmu hafna fuqu flimkien. U hemm hafna xoghol li ghamel Wajdi emm u gieli kien hemm, kien ikun hemm sessions li kien ikun hemm anka Wajdi ghax kienet tghidha quddiemu imma mhux, mhux biss quddiemu e u bdiet emme, huwa il, il- post bhalma kieku ghandek koppja li ilhom hafna flimkien, u fir-realta' kien ilhom qabel ma, ma nafhom jiena e illi ghandhom dal-post li huwa taghhom u huma komdi fih specjalment ghax hi kellha l-annimali u kienet tiehu gost hafna u kienet taf li qed jiehu hsiebhom ukoll Wajdi fiz-zmien twil li . . . kienet kellha tkun l-isptar. . . . .

. . . . . Emm kienet semmiet illi primarjament bhala fond eem dahlet ghalih hi imma spjegat ukoll il, il, ir-realta' tal-kwistjoni ta, tal, tal- persu, ta' Wajdi u r-realta' ta, tal- persuna li mhiex Maltija u d- diffikultajiet ta f, imma semmiet ta' finanzi imma semmiet kienet issemmili wkoll kemm ghamel xoghol fih.'

Tixhed li dwar *loans* ma tkellmux.

**Il-prova tat-titolu:**

Illi mill-atti rrizulta li r-rikorrenti wirtu lil binthom Kathleen Camilleri stante li mietet bla testment, liema bint kienet is-sid tal-appartament *de quo*, liema proprjeta' giet debitament iddikjarata (ara d-dokumentazzjoni a fol. 7 et seq tal-process) b'dana li r-rikorrenti ssodisfaw il-prova tat-titolu taghhom fuq l-istess immobbli. Ghal dan il-ghan il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat.

**Uzu bil-kunsens tas-sid:**

Illi mill-atti rrizulta debitament ppruvat li l-intimat u bint ir-rikorrenti Kathleen kienu f'relazzjoni bejniethom li kienet ilha ghaddejja ghal madwar tmintax-il sena qabel ma hija giet nieqsa. Hareg ukoll debitament ippruvat, kif jammettu anki l-istess rikorrenti li l-appartament in kontestazzjoni gie akkwistat mill-bint bl-intenzjoni li hija tghix flimkien mal-intimat, jizzewgu u jghixu

bhala familja fl-istess appartament. Ghaldaqstant din il-Qorti tqis certament ma jistax jinghad li fiz-zmien sakemm damet hajja Kathleen Camilleri li l-intimat kien qed jirrisjedi fl-appartament b'mod abbusiv anzi hareg car li huwa kien jirrisjedi fih bil-kuntentizza u kunsens apert tas-sid Kathleen Camilleri.

Wara l-mewt ta' Kathleen Camilleri jirrizuta wkoll li ghall-perjodu ta' madwar sentejn ir-rikorrenti kienu kuntenti jhallu lill-intimat jghix fl-appartament, skont huma sakemm jigi fuq saqajh. F'dan iz-zmien ukoll allura ma jirrizultax li huwa kien qed jirrisjedi fl-appartament b'mod abbusiv izda kien jirrisjedi fih bil-kunsens apert tar-rikorrenti. Wara dan iz-zmien kien hemm perjodu ta' xhur skont ir-rikorrenti u ta' madwar sentejn skont l-intimat, fejn ir-rikorrenti kienu bdew jircievu pagament ta' mitt Euro (€100) fix-xahar kif isejhulu r-rikorrenti rikonoxximent tal-fatt li kienu qed ihallu lill-intimat jghix fl-appartament, ghalhekk anki ghal dan il-perjodu l-intimat kien qed jirrisjedi fl-appartament mhux b'mod abbusiv izda bil-kunsens tar-rikorrenti.

Illi jirrizulta li d-disgwit bejn il-partijiet inqala wara t-trapass tal-perijodi fuq imsemmija ghaliex ir-rikorrenti jixhdu li skonthom kien ghaddha bizzejjed zmien sabiex l-intimat isib akkomodazzjoni ohra u huma jiehdu l-proprjeta' li wirtu minghand binthom. Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li l-intimat kien ihalli hafna hmieg fl-istess appartament u bdew ukoll jiehdu diversi affarijiet proprjeta' ta' binthom minn dan l-appartament. Skont ir-rikorrenti l-intimat irrifjuta li johrog u ghalhekk kellha tigi ntavolata l-kawza.

Illi in vista ta' dak suespost l-Qorti tqis li t-tieni eccezzjoni tal-intimat hija gustifikata izda b'mod limitat fis-sens li jirrizulta li huwa ma kienx qed jirrisjedi fl-appartament in kwistjoni b'mod abbusiv tul s-snin kollha li bint ir-rikorrenti kienet ghadha hajja u

wkoll ghall-ewwel perjodu ta' madwar sentejn jew aktar stante li l-partijiet ma jaqblux dwar il-perijodu wara l-mewt taghha. Huwa f'dan is-sens limitat li ser tigi milqugha it-tieni eccezzjoni tal-intimat.

**L-Eccezzjoni ta' Kommodat favur l-intimat:**

Illi l-eccezzjoni principali tal-intimat hija li huwa jgawdi titolu ta' kommodat fuq l-appartamennt in kwistjoni. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tezamina t-talbiet tar-rikorrenti fid-dawl tal-allegat titolu ta' kommodat kif pretiz mill-intimat.

Illi dwar il-kommodat l-Artikolu 1824 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jaqra kif isegwi:

> 'Il-kommodat jew self għall-użu hu kuntratt li bih waħda mill-partijiet tikkunsinna ħaġa lill-parti l-oħra, sabiex din tinqeda biha, bla ħlas, għal żmien jew għal użu determinat, bl-obbligu ta' dak li jirċiviha li jrodd il-ħaġa nfisha.'

Fid-decizjoni li tmur lura ghall-5 ta' Jannar, 1902 deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet **P.L. Francesco Azzopardi -vs- Emilia vedova Malfiggiani et** dik il-Qorti ddefiniet l-kuntratt ta' kommodat kif isegwi:

> 'Che la pigione stipulata dal Governo coll'Impresa del Real Teatro nel suddetto atto del 14 novembre 1898 non permette di considerare come locazione il contratto stesso: "si quis conduxerit uno nummo, conductio nulla est, quia ad hoc donationis instar inducit" (L 46, Dig. Locati et conducti). Ma la donazione dell'uso non e' che un comodato ossia prestito ad uso; e come il locatore verso il conduttore, cosi' il

comandante verso il comadatario ha l'obbligo di fare godere la cosa per tutto il tempo convenuti; e come il conduttore verso locatore, cosi'il comodatario verso il comodante ha il diritto di servirsi della cosa purche' la impieghi per l'uso determinate nel contratto.'

Intqal ukoll fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-5 ta' April, 1954 fil-kawza **Neg. Joseph Calascione noe -vs- Carmelo Schembri** illi l-gratuwita' hi element essenzjali tal-kommodat. Gie osservat illi:

'Karattru essenzjali tal-komodat huwa l-gratuwita' tal-prestazzjoni tal-haga. Veru li l-kumpens nominali ma jhassarx il-komodat, imma dana l-kumpens irid ikun zghir u insinjifikanti. "Si quis conduxerit uno nummo, conductio nulla est, quia et hoc donationis instar inducir" (L. 46, Dig. Lpcato et Conducti; f'dan is-sens Kollez XVIII-III-69). Izda l-gurisprudenza taghna recenzjori mxiet fuq il-principju aktar rigoruz tad-Dritt Ruman, li jeskludi mill-komodat kwalunkwe kumpens. "Commodata autem res tunc proprie intelliguntur si, nulla mercede accepta vel constituta, res tibi utenda data est; alioqui, mercede interveniente, locatus tibi usus rei videtur, gratutum enim debet esse commodatum" (Dig. 21, quibus modis re contrahitur obligatio, 3, 14). Ara f'dan is-sens id-decizjoni moghtija mill-Qorti ta' l-Appell tar-Regina fil-kawza "Robert Borg vs. Francesco Abela" tas-16 ta' Dicembru 1949 (Kollez. XXXIII-I-774). Konsegwentement, fil-kaz li l-uzu tal-haga jigi moghti b'korrispettiv, jezula l-komodat, u tissubentra, generalment, il-figura tal-lokazzjoni.'

Illi mis-suespost jirrizulta li l-kommodat huwa kuntratt li bih wahda mill-partijiet tikkunsinna haga lill-parti l-ohra sabiex din

tinqeda' biha bla hlas, ghall-zmien jew uzu determinat, bl-obbligu fuq dak li rceviha li jrodd il-haga nnifisha.

A propozitu l-kuntratt tal-kommodat, il-Qorti tal-Appell fid-decizjoni fl-ismijiet **Maria armla ta' Paul Pace -vs- Anthony u Rita mizzewgin Pace** deciza nhar it-28 ta' April, 2014 qalet illi:

> 'B'ligi espressa l-kommodat hu definit fl-Artikolu 1824 bhala dak il-kuntratt "li bih wahda mill-partijiet tikkunsinna haga lill-parti l-ohra, sabiex din tinqeda biha, bla hlas, ghal zmien jew ghall-uzu determinat, bl-obbligu ta' dak li jirceviha li jrodd il-haga nfisha".
>
> Minn din it-tifsira, bl-ghajnuna tal-gurisprudenza in materja, din il-Qorti tirravvisa dawn l-aspetti:-
>
> 1. "Il-karattru essenzjali tal-kommodat huwa l-gratuwita tal-prestazzjoni tal-haga" – Kollez. Vol XXXIII pI p774.
>
> 2. Tali kuntratt, meta verament jezisti, jimponi fuq il-kommodant "l'obbligo di fare godere la cosa per tutto il tempo convenuto; e come il conduttore verso il locatore, cosi il comodatario verso il comodante, ha il diritto di servirsi della cosa purche` la impieghi per l'uso determinato nel contratto" – "Kollez. Vol. XVIII pIII p69.
>
> 3. "L-ezistenza taz-zmien hija mportanti, ghaliex bejn il-'comodatum' u l-'precarium' id-differenza tikkonsisti precizament fiz-zmien iffissat. Meta hemm konvenut iz-zmien, il-kuntratt jissejjah 'comodatum'; meta ma hemmx iz-zmien jissejjah 'precarium'" – Kollez. Vol. XXXI pII p29.

4. Anke pero` minghajr il-fattur zmien il-kommodat ma jiznaturax ruhu f'prekarju ghaliex il-ligi tikkontempla l-ezistenza tal-kommodat "ghall-uzu determinat" u dan ma jispiccax skond l-Art. 1835 "sakemm il-haga tibqa' sservi ghall-uzu li ghalih giet mislufa" – "Grazio Portelli –vs- Geralda Portelli", Appell Civili, 5 ta' Frar 1971.'

Illi l-versjoni tal-intimat hija li huwa jgawdi minn titolu ta' kommodat stante li l-ftehim bejnhu u bejn l-gharusa tieghu Kathleen Camilleri kien li jinxtara l-appartament bejniethom u hu jaghmel ix-xoghlijiet fih u li jghixu fih stante li kienu gharajjes bl-intenzjoni li jizzewgu u jiffurmaw familja.  Ir-rikorrenti wkoll, partikolarment fil-kontro-ezami jaqblu li l-intiza kienet li l-appartament binthom xtratu sabiex tghix fih flimkien mal-intimat, li jizzewgu u jibqghu jghixu fih bhala familja.

Illi jirrizulta izda li sfortunatament Kathleen Camilleri hakmitha marda u wara ftit xhur giet nieqsa.  Mill-atti rrizulta li Kathleen Camilleri kienet titkellem u tiddiskuti ma' hbieb u t-terapista taghha dwar x'kien ser jigri mill-gharus taghha u l-appartament f'kaz li tigi nieqsa u giet sodisfacentement ippruvata l-intenzjoni taghha li taghmel testment sabiex tissalvagwardja d-dritt tal-intimat li jirrisjedi fl-appartament anki wara mewtha izda sfortunatament lahqet mietet habta u sabta qabel ma lahqet iltaqghet ma' nutar u ghamlet dan.  Din l-intenzjoni giet ukoll espressa apertament lill-intimat minn Kathleen Camilleri waqt is-sessjonijiet ta' terapija.

Illi minn dak suespost tirrizulta l-intenzjoni tal-mejta Kathleen Camilleri li hija thalli jirrisjedi lill-intimat gharus taghha fl-appartament in kwistjoni anki wara l-mewt taghha w'ghalhekk li dan jibqa' jaghmlu  uzu minnu ghal hajtu tant li kienet tinkwieta

ferm u tiddiskuti ma' shabha u mat-terapista drabi anki quddiem l-intimat dan kollu filwaqt li ma kinitx temmen li l-genituri taghha jaslu biex ikeccuh il-barra. Din il-Qorti tqis ukoll li din l-intenzjoni kienet kjamarament nota lill-intimat ghalkemm mhux neccessarjament kienet nota lir-rikorrenti li wirtu lill-istess binthom u dan ghaliex jidher li certu affarijiet Kathleen kienet izzomm lura milli tghidhom lill-genituri taghha in vista li ma kienux wisq accettaw li hija tkun gharusa barrani. Illi minn dan kollu partikolarment mix-xhieda tal-hbieb tal-mejta fl-atti u wkoll tat-terapista li hadet hsiebha fl-ahhar xhur ta' mewtha johrog li l-element taz-zmien huwa sodisfatt fis-sens li l-intenzjoni bejn l-intimat u l-gharusa tieghu kienet li huwa jibqa' jghix fl-appartament anki wara mewtha. Iz-zmien tal-kommodat ghalhekk kien determinat mic-cirkustanzi li la darba hija tkun mejta huwa jibqa' jirrisjedi fih ghal bqija ta' hajtu. L-uzu wkoll huwa deterimant u cioe' sakemm jibqa' juzah bhala r-residenza tieghu.

Illi dwar l-element tal-gratuwita mill-atti johrog li l-intimat jista' jkun li hareg xi flus originarjament sabiex thallas id-depozitu tal-prorpjeta' ghaliex hekk iddikjarat il-mejta fl-ittra mibghuta lic-cittadinanza u baqa' jikkontribwixxi ghall-ispejjez ta' kuljum tal-hajja u ghamel xi xoghlijiet ta' 'finishings' fl-istess appartament. Dawn izda ma kienux intizi bhala hlas talli huwa jirrisjedi fl-appartament izda rizultat li huwa kien gharus ma' bint ir-rikorrenti allura kien jaqsmu l-ispejjez tal-hajja. Fil-fatt qatt ma gie miftiehem bejn l-intimat u l-gharusa tieghu xi tip ta' hlas talli huwa kien jirrisjedi fl-istess appartament la tul hajjitha u wisq anqas wara mewtha. Ghalhekk il-Qorti tqis li l-element tal-gratuwita' gie wkoll sodisfatt.

Illi minn dak suespost u mill-provi fl-atti din il-Qorti tqis li gie debitament ippruvat li bejn l-intimat u Kathleen Camilleri kien

hemm ftehim ta' kommodat sabiex l-istess intimat jibqa' jaghmel uzu mill-appartament in kwistjoni bhala r-residenza tieghu anki wara mewtha sakemm l-istess intimat jibqa' jaghmel dan l-uzu minnu tul hajtu. F'kaz li ma jibqax jirrisjedi fih allura l-pussess tal-istess tirriverti lura ghand ir-rikorrenti.

Illi ghalkemm verament il-proprjeta' tal-appartament in kwistjoni ghaddiet minn fuq il-mejta ghal fuq il-genituri taghha mal-mewt bla mistenni taghha, r-rikorrenti, bhal werrieta taghha dahlu fiz-zarbun tad-drittijiet u l-obbligi li kienet dahlet ghalihom binthom ghalhekk iridu jirrispettaw il-ftehim ta' kommodat li kien hemm bejn l-intiamt u Kathleen Camilleri.

Il-Qorti wkoll ma tistax ma tikkumentax dwar l-animu tar-rikorrenti waqt ix-xhieda taghhom quddiem din il-Qorti. Fil-fatt ir-rikorrent f'hin minnhom meta mistoqsi jekk bintu kinitx qaltlu li huma jirtu l-appartament tal-Gzira huwa jwiegeb 'u mela' b'tali mod li din il-Qorti xejn ma tqis li f'dak il-hin kien qed jghid il-verita. L-istess jinghad dwar ir-rikorrenti omm li meta mistoqsija jekk Wajdi kien ta' l-awtorizzazzjoni tieghu biex jiehdu l-affarijiet mill-appartament l-ewwel tghid li iva kienu qalulu u qalilhom hudu li jridu mbaghad meta maghfusa jekk hux minnu li ta l-kunsens tieghu tghid li kien jarahom johduhom. Din tal-ahhar xejn ma tfisser li ta l-kunsens tieghu biex jittiehdu.

Din il-Qorti in vista tas-suespost tqis li l-provi l-aktar kredibbli huma dawk imressqa mill-intimat u mhux mir-rikorrenti li bdew idawru l-provi u x-xhieda taghhom kif jaqbillhom bl-ghan wiehed li jaqilghu lill-intimat mir-residenza tieghu. Din il-Qorti tqis li giet debitament ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi li l-intimat qed jirrisjedi fl-appartment in kwistjoni b'titolu ta' kommodat validu fil-

ligi b'dana li allura t-talba tar-rikorrenti ghall-izgumbrament tieghu mihiex gustifikata u ser tigi michuda.

**Pendenzi tas-servizzi tad-dawl u ilma:**

Illi mill-atti jirrizulta li f'certu perjodi kien hemm pendenzi ta' hlas tas-servizzi ta' dawl u ilma fil-fond in kwistjoni. S'intendi la darba huwa l-intimat li qed jaghmel uzu mill-appartament jinkombi fuqu li jhallas ghal tali servizzi kif gia kien jaghmel qabel il-mewt ta' Kathleen fejn kien jikkontribwixxi ghall-ispejjez. Ghalhekk sakemm l-intimat jibqa' jirrisjedi fl-istess propjeta' ghandu jkun hu li jhallas dak kollu dovut fuq is-servizzi nkluz il-kontijiet tad-dawl u ilma. Fl-atti ma tirrizultax l-ammont ezatt dovut izda fl-atti wkoll l-intimat iddikjara li huwa kien qed ihallas dak dovut bi ftehim mal-ARMS Ltd. Ghalhekk din il-Qorti f'dan l-istadju tista' biss tilqa' l-hames talba tar-rikorrenti fis-sens li tordna li l-intimat ihallas il-kontijiet kollha relatati mas-servizzi tad-dawl u ilma fil-proprjeta' mertu tal-kawza ghal tul iz-zmien kollu li jibqa' residenti fl-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat;

2. Tilqa' t-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjoni tal-intimat sakemm dawn huma kompatibbli ma' dak hawn deciz;

3. Tiddikjara l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti sorvolati;

4. Tichad it-tielet u r-raba' talba tar-rikorrenti;

5. Tilqa' l-hames talba tar-rikorrenti limitatament fis-sens li tordna li l-intimat ihallas il-kontijiet pendenti relatati mas-servizzi tad-dawl u tal-ilma fil-proprjeta' mertu tal-kawza sakemm idum jirrisjedi fl-istess proprjeta'.

Fic-cirkustanzi tad-diffikulta tal-kaz, spejjez zewg terzi r-rikorrenti, terz l-intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**31 ta' Ottubru, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Otubru, 2024**